



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 24 ta' Novembru 2021
(OR. en, de, pl, fr)

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0361(COD)

13203/21
ADD 1 REV 2

COMPET 737
MI 772
JAI 1126
TELECOM 388
CT 132
PI 100
AUDIO 98
CONSOM 231
CODEC 1367
JUSTCIV 165

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.	13203/21 ADD1
Nru dok. Cion:	14124/20 + COR1 + ADD1
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar Suq Uniku Għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE - Approċċ ġenerali - Dikjarazzjonijiet

DIKJARAZZJONI MID-DANIMARKA

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Suq Uniku Għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE

Id-Danimarka tappoġġa t-test ta' kompromess tal-Presidenza sabiex jintlaħaq l-Approċċ Ġenerali fil-Kunsill COMPET tal-25 ta' Novembru 2021.

B'mod ġenerali, id-Danimarka tappoġġa l-għan ġenerali li jiġu aġġornati r-regoli orizzontali li jiddefinixxu r-responsabbiltajiet u l-obbligi tal-fornituri tas-servizzi diġitali, u tal-pjattaformi online b'mod partikolari.

Madankollu, id-Danimarka jiddispjaċiha ħafna li r-Regolament ma jistabbilixxix obbligi fuq ir-responsabbiltajiet tal-importaturi. Hija problema li ma hemm ħadd fl-Unjoni li għandu jinżamm responsabbli f'każijiet fejn is-swieq online jagħmluha possibbli li l-kummerċjanti jbigħu l-prodotti u s-servizzi tagħhom minn pajjiżi terzi direttament lill-konsumaturi Ewropej. Hemm diversi każijiet fejn il-konsumaturi Ewropej jispiċċaw bi prodotti perikolużi u illegali u jbatu minħabba s-sistema li għandna llum. B'hekk, l-eżenzjoni mir-responsabbiltà ssostni lakuna fl-importazzjoni ta' oġġetti li ma jikkonformawx mal-leġiżlazzjoni tal-UE u hija ta' detriment mhux biss għall-protezzjoni tal-konsumatur, iżda wkoll għall-kompetittività tan-negozji Ewropej. F'dan ir-rigward, id-Danimarka stinkat għal Regolament aktar ambizzjuż billi żgurat li dejjem ikun hemm parti fl-UE li għandha tinżamm responsabbli għall-prodotti li jidħlu fis-Suq Ewropew - kemm jekk il-prodotti jinbiegħu offline kif ukoll jekk online.

Nittamaw li t-talba tagħna dwar ir-responsabbiltajiet tal-importaturi tittieħed f'kunsiderazzjoni xierqa u serja matul il-fażi li jmiss tan-negozjati.

Għalkemm ma tbiddilx il-pożizzjoni tad-Danimarka dwar din il-kwistjoni, id-Danimarka tilqa' l-passi meħuda fit-Taqsima 3A li tobbliga lis-swieq online jissodisfaw aktar rekwiżiti sabiex jiżguraw il-protezzjoni tal-konsumatur u li jinbiegħu prodotti sikuri lill-konsumaturi Ewropej.

DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA

Ir-Regolament dwar suq uniku għas-servizzi diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE

Approċċ ġenerali

Dikjarazzjoni għall-minuti mill-Gvern proviżorju tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja - verżjoni bl-Ingliż -

Il-Ġermanja tappoġġa t-test ippreżentat mill-Presidenza bil-ksieb li jintlaħaq qbil dwar approċċ ġenerali fil-laqgħa tal-Kunsill Kompetittività tal-25 ta' Novembru 2021. B'mod partikolari, nilqgħu t-tisħiħ tal-kompetenzi tal-Kummissjoni Ewropea fir-rigward tad-deżinjazzjoni, is-superviżjoni u l-governanza ta' pjattaformi online kbar ħafna u magni tat-tiftix kbar ħafna. Dan ser jiżgura l-infurzar effettiv tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA). Madankollu, fl-istess ħin, nissottolinjaw il-ħtieġa ta' aktar titjib bil-ksieb tan-negozjati li ġejjin mal-Parlament Ewropew sabiex jiġi żgurat li d-DSA jsir saħansitra aktar effettiv.

Għall-Ġermanja, huwa kruċjali li l-istandard domestiku għoli attwali ta' protezzjoni fil-Ġermanja bbażat fuq rekwiżiti internazzjonali (il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Kumment ġenerali Nru. 25 tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal fir-rigward tad-drittijiet tat-tfal b'rabta mal-ambjent diġitali) jinżamm b'rispett għall-protezzjoni tal-minorenni fil-media. Fi kwalunkwe każ dan irid ikun żgurat mill-arranġamenti previsti mid-DSA, pereżempju permezz ta' possibbiltajiet ta' derogi rilevanti.

Il-Ġermanja tilqa' l-fatt li d-DSA joħloq qafas legali uniformi biex jiġi miġġieled il-kontenut illegali online. Madankollu, nixtiequ li d-dispożizzjonijiet dwar l-obbligi tat-tħassir u l-iskadenzi korrispondenti jkunu aktar ambizzjużi u legalment vinkolanti għall-pjattaformi online kbar ħafna. Barra minn hekk, l-obbligi tal-fornituri ta' servizzi tal-hosting li jinnotifikaw lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u lill-awtoritajiet ġudizzjarji skont l-Artikolu 15a għandhom ikunu speċifikati f'aktar dettall. L-Istati Membri għandu jkollhom l-opzjoni li jiddeżinjaw liema reati kriminali individwali għandhom jiġu nnotifikati fit-territorju rispettiv tagħhom. Fir-rigward ta' pjattaformi online kbar ħafna, l-Istati Membri għandu jkollhom l-opzjoni li jestendu l-obbligi tan-notifikazzjoni skont il-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom għal reati kriminali li jipperikolaw is-sistema demokratika jew li għandhom impatt negattiv persistenti fuq l-eżerċizzju tal-libertà tal-espressjoni, sakemm dawn l-estensjonijiet ikunu konformi mal-valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, inkunu favur ħafna t-tkabbir tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 15 sabiex jiġi introdott obbligu għall-ħżin ta' kontenut illegali li tħassar.

In-negozjati li ġejjin mal-Parlament Ewropew għandhom jintużaw biex isaħħu l-kapaċitajiet ta' infurzar tal-awtoritajiet nazzjonali u l-protezzjoni tal-konsumaturi, inkluż permezz tal-introduzzjoni ta' obbligi ta' diliġenza dovuta proattivi għall-fornituri ta' swieq online. B'hekk biss l-awtoritajiet superviżorji jkunu jistgħu jrażżnu b'mod effettiv il-kummerċ illegali enormi f'oġġetti u annimali. Nissuġġerixxu wkoll li jiġi pprojbit ir-reklamar anonimu ta' annimali fis-swieq online, inkluż minn operaturi privati. In-negozjati li ġejjin mal-Parlament Ewropew joffru lill-Unjoni Ewropea l-opportunità li jankraw l-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew fid-DSA. Il-pjattaformi online kbar ħafna għandhom b'hekk iqisu t-tħassib ambjentali fil-valutazzjonijiet tar-riskju tagħhom, u s-swieq online għandhom jipprovdu iktar informazzjoni dwar il-konsum sostenibbli.

Peress li l-pjattaformi online kbar ħafna saru wkoll dejjem iktar fora ta' dibattitu pubbliku u kanali ta' distribuzzjoni indispensabbli għall-fornituri ta' servizzi tal-media, għandha tingħata kunsiderazzjoni akbar għal-libertà u l-pluraliżmu tal-media kif imnaqqa fil-Karta. Sabiex jinkiseb dan, għandhom jiġu stabbiliti regoli proċedurali li jipprojbixxu li l-pjattaformi online kbar ineħħu jew b'xi mod ieħor jinterferixxu fil-kontenut jew is-servizzi magħmula disponibbli minn fornitur ta' servizz tal-media abbażi ta' ksur allegat tat-termini u l-kondizzjonijiet tal-pjattaforma mingħajr konsultazzjoni minn qabel mal-fornitur tas-servizz tal-media. Barra minn hekk, huwa meħtieġ li jiġi enfasizzat fl-Artikolu 12 jew f'xi dispożizzjoni oħra xierqa li l-formulazzjoni u l-applikazzjoni tat-termini u l-kondizzjonijiet ta' pjattaforma għandhom iqisu b'mod xieraq il-libertà u l-pluraliżmu tal-media. Il-pjattaformi għandhom jaqblu dwar kodiċi ta' kondotta li jagħti sustanza lil dawk ir-rekwiżiti. Ninsabu wkoll imħassba dwar il-funzjonalità tal-istruttura ta' governanza tad-DSA, li hija essenzjali għas-suċċess tiegħu. Għandhom isiru aktar sforzi biex jiġu sfruttati s-sinerġiji ma' istituzzjonijiet eżistenti (bħall-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għas-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (ERGA)) u opportunitajiet għall-involvement tagħhom. F'dak il-kuntest, huwa importanti wkoll għalina li l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni eżistenti u ppruvati, bħal dawk imsemmija fil-Memorandum ta' Qbil konkluż mill-membri tal-ERGA, jinżammu. Barra minn hekk, f'din is-sistema kollha, huwa importanti li jiġi żgurat li l-kompetenzi tal-Istati Membri f'dan il-qasam jiġu ppreservati.

Fl-aħħar nett, aħna nqisu li r-repożitorji edukattivi u ta' riċerka mingħajr skop ta' qligħ m'għandhomx jaqgħu fid-definizzjoni ta' "pjattaformi online" għaliex tali repożitorji ma jgħolqux ir-riskji li d-DSA għandu l-ħsieb li jindirizza.

Bil-ħsieb tan-negozjati li ġejjin mal-Parlament Ewropew, nittamaw li dawn l-aspetti jingħataw kunsiderazzjoni xierqa u serja u jiġu inklużi fid-diskussjonijiet.

DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA

Dikjarazzjoni mill-Polonja dwar id-DSA

Il-Polonja tappoġġa t-test ta' kompromess tal-Presidenza dwar ir-Regolament dwar suq uniku għas-servizzi diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (DSA) sabiex jintlaħaq approċċ ġenerali fil-laqgħa tal-Kunsill COMPET tal-25 ta' Novembru 2021.

Madankollu, aħna nenfasizzaw b'mod qawwi l-ħtieġa ta' titjib sabiex l-abbozz ta' Regolament dwar id-DSA jsaħħaħ il-pożizzjoni tal-konsumaturi tal-UE b'mod sħiħ u jiżgura l-infurzar effettiv tad-dispożizzjonijiet tad-DSA.

Għandu jkun hemm indikazzjoni ċara li d-DSA jibbilanċja sew il-ħtieġa tat-tneħħija rapida ta' kontenut illegali mill-internet mal-protezzjoni tal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni. Id-DSA għandu jinkludi dispożizzjonijiet ċari dwar il-ġurisdizzjoni fuq dawn il-pjattaformi sabiex kwalunkwe miżura ta' infurzar li nużaw tkun effettiva u suffiċjenti.

Mekkaniżmu għall-infurzar tad-DSA bbażat fuq il-prinċipju tal-pajjiż ta' orijini, li huwa prinċipju fundamentali tas-suq intern b'benefiċċji inkontestabbli f'termini ta' opportunitajiet ta' tkabbir għal fornituri iżgħar ta' servizzi intermedjarji fl-UE, għandu jqis l-involvement xieraq tal-Istat Membru li fih jinsabu r-reċipjenti tas-servizz. Il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tad-destinazzjoni jista' jipprovdi għarfien imprezzabbli tal-liġi nazzjonali u l-kuntest lokali tal-Istat Membru kkonċernat.

Barra minn hekk, pjattaformi online kbar ħafna u magni tat-tiftix kbar ħafna għandhom ikunu rrappreżentati b'mod adegwat fl-UE u jistabbilixxu kanali ta' komunikazzjoni bidirezzjonali xierqa, b'mod partikolari mal-awtoritajiet kompetenti mill-Istati Membri kollha. Id-DSA għandu jistipula obbligu biex il-fornituri ta' servizzi jirrikonoxxu l-irċevuta ta' korrispondenza permezz tal-punt ta' kuntatt.

Fl-aħħar nett, it-test tad-DSA għandu jkun fih dispożizzjonijiet li jiċċaraw li d-DSA huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tar-riċevituri jew tal-individwi jew tal-entitajiet ikkonċernati li jappellaw kontra d-deċiżjoni quddiem qorti jew awtorità amministrattiva tal-pajjiż li fih ikunu stabbiliti, jew għandhom id-domiċilju jew ir-residenza permanenti, f'konformità mal-liġi applikabbli f'dak l-istat.

Ninsabu fiduċjużi li t-titjib kostruttiv u razzjonali msemmi hawn fuq ser ikun utli biex jintlaħaq kompromess sodisfaċenti fin-negozjati interistituzzjonali li ġejjin.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-ITALJA U SPANJA

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR L-ATT DWAR IS-SERVIZZI DIĠITALI (DSA)

L-Italja u Spanja jappoġġaw it-test ta' kompromess tal-Presidenza sabiex jintlaħaq l-Approċċ Ġenerali fil-Kunsill COMPET tal-25 ta' Novembru 2021.

Madankollu, aħna nissottolinjaw bil-qawwa l-ħtieġa ta' titjib, sabiex id-DSA ma jiddgħajjifx waqt in-negozjati matul il-proċedura ulterjuri.

Pereżempju, aħna nemmnu li l-obbligi ta' traċċabbiltà, kif previsti għas-swieq online fl-Artikolu 24a, għandhom jiġu estiżi, sabiex jiġi żgurat li dak li huwa illegali offline għandu jkun ukoll illegali online.

Fil-fatt, dawn l-obbligi huma meħtieġa biex jiġu interċettati negozji frodulent u l-kontenut u l-prodotti illegali jitwaqqfu milli jiġu ċċirkolati permezz ta' servizzi diġitali differenti u pluralità ta' fornituri ta' servizzi intermedjarji, u b'hekk jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' ambjent diġitali sikur, trasparenti u affidabbli.

Għalhekk, aħna nappoġġaw it-tkabbir tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 24a għal fornituri ta' servizzi ta' hosting, web-hosting, Networks tat-Twassil tal-Kontenut, reġistri u reġistraturi tad-DNS, servizzi ta' pagament u ta' reklamar.

Ninsabu fiduċjużi li tali talba ser titqies b'mod xieraq u serju matul in-negozjati futuri.

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

Dikjarazzjoni mill-Ungerija dwar il-proposta għal

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Suq Uniku Għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE

L-Ungerija tagħti importanza kbira lill-protezzjoni tal-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-kelma taċ-ċittadini tal-UE, inkluż il-libertà tal-media u l-pluraliżmu. Għalhekk, aħna impenjati li niżguraw infurzar saħansitra aktar effettiv tar-Regolament tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali.

Sabiex ikun hemm is-salvagwardji meħtieġa kontra t-tneħħija ta' kontenut legali, l-awtoritajiet nazzjonali għandu jkollhom il-mezzi biex jordnaw lill-pjattaformi jirrestawraw kontenut legali li jkun tneħħa. Il-pjattaformi jridu jforu lill-utenti b'opportunitajiet effettivi ta' rimedju meta jiddeċiedu li jneħħu l-kontenut jew il-profil tal-utenti. F'dan ir-rigward huwa tal-akbar importanza għalina li d-DSA tkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-utenti li jibdew proċeduri kontra d-deċiżjoni ta' pjattaforma online quddiem qorti tal-pajjiż fejn huma stabbiliti, f'konformità mal-liġi nazzjonali ta' dak il-pajjiż.

Il-prinċipju tal-pajjiż ta' orġini huwa regola bażika essenzjali fis-Suq Uniku, li tipprovdi profitti f'termini ta' żgurar ta' ambjent regolatorju prevedibbli għal fornituri Ewropej iżgħar ta' servizzi intermedjarji. Madankollu, dan ma jgħibx tali benefiċċji fil-livell taċ-ċittadini tal-UE. Hemm assimetriji f'termini ta' drittijiet bejn il-fornituri tal-pjattaformi online u l-utenti tagħhom kif ukoll fir-rigward tal-awtoritajiet pubbliċi, li huma nieqsa mill-għodod meħtieġa biex l-utenti jiġu protetti b'mod sħiħ mill-prattiki abbużivi. Din il-problema hija aggravata mill-fatt li hemm għadd dejjem jikber ta' servizzi u pjattaformi – mingħajr stabbiliment legali fl-UE – immirati lejn iċ-ċittadini tal-Istati Membri.

Filwaqt li nżommu l-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini fil-livell tal-UE bħala regola ġenerali, m'għandniex ninsew niproteġu l-interessi leġittimi tal-konsumaturi tagħna.

Sabiex insaħħu l-pożizzjoni tal-konsumaturi tal-UE u jiġi pprovdut infurzar effettiv tad-dispożizzjonijiet tad-DSA, ta' min jikkunsidra l-possibbiltà li r-regolaturi tal-pajjiżi ta' destinazzjoni jiġu involuti b'mod aktar attiv fis-superviżjoni ta' pjattaformi online kbar ħafna u magni tat-tiftix kbar ħafna. Aħna nqisu li f'ħafna każijiet sabiex nifhmu u nittrattaw b'mod xieraq il-każijiet ta' prattiki ta' moderazzjoni tal-kontenut, huwa meħtieġ fehim profond tal-ispeċifitàjiet tal-liġi nazzjonali u l-kuntest soċjokulturali.

L-Ungerija għalhekk tappella għal approċċ aktar ambizzjuż biex jiġi ggarantit l-oġġla livell ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-konsumaturi. L-ilġuq ta' dawn l-oġġettivi jeħtieġ soluzzjonijiet adattati għal din l-ekosistema tal-ekonomija tal-pjattaformi li qed tinbidel malajr u dan jimplika evalwazzjoni bir-reqqa tal-prinċipji ewlenin tagħna.

DIKJARAZZJONI MILL-FINLANDJA

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE

Biex jintlaħaq l-Approċċ Ġenerali fil-Kunsill COMPET tal-25 ta' Novembru 2021, il-Finlandja tappoġġa t-test ta' kompromess tal-Presidenza.

Filwaqt li l-Finlandja tappoġġa l-kompromess tal-Presidenza, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet proposti dwar is-sanzjonijiet, huwa importanti matul it-trilogi li tiġi żgurata l-flessibbiltà fit-test sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jistabbilixxu multi massimi fil-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom fir-rigward tal-obbligi differenti tad-DSA.

Barra minn hekk, l-Istati Membri għandu jkollhom lok adegwat fil-livell nazzjonali biex jintroduċu multi amministrattivi għall-awtoritajiet pubbliċi f'każijiet speċifiċi fejn l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jingħataw obbligu statutorju li jipprovdu, fil-livell nazzjonali u mingħajr skop ta' qligħ, servizz li jista' jiġi definit bħala servizz intermedjarju.

DIKJARAZZJONI MIL-LUSSEMBURGU

Dikjarazzjoni mil-Lussemburgu dwar l-Att dwar is-Servizzi Digitali u l-Att dwar is-Swieq Digitali

Il-proposti tad-DSA u tad-DMA għandhom l-għan li joħlqu suq intern totalment operattiv kemm għall-utenti professjonali kif ukoll għall-konsumaturi billi jistabbilixxu qafas legali armonizzat li jagħmel l-ambjent online aktar sikur u biex jiżgura kompetizzjoni ġusta madwar l-UE kollha.

Il-Lussemburgu jappoġġa bis-sħiħ l-oġettiv li jiġi introdott qafas ċar u koerenti biex tiġi indirizzata l-frammentazzjoni legali attwali li hija r-riżultat ta' leġislazzjoni nazzjonali diverġenti fl-oqsma koperti mid-DSA u d-DMA. Il-Lussemburgu għalhekk jista' jappoġġa l-pakkett ta' kompromess innegożjat mill-Kunsill u propost mill-Presidenza Slovena, li fih l-elementi kollha meħtieġa biex jintlaħaq qbil ta' kwalità mal-Parlament Ewropew.

Hekk kif jipproċedu n-negożjati, il-Lussemburgu ser ikun attent ħafna biex jiżgura li l-benefiċċji ta' armonizzazzjoni massima, flimkien ma', kif xieraq, ir-rikonoxximent reċiproku, jinżammu jew saħansitra jissaħħu fit-testi u li ma tiġi introdotta l-ebda deroga, opzjoni ta' "gold-plating", jew kwalunkwe flessibbiltà oħra għal-leġislaturi nazzjonali. Ser ninsistu wkoll li jinżamm il-livell ta' ambizzjoni tal-proposti tal-Kummissjoni Ewropea sa fejn huma kkonċernati l-kondizzjonijiet għal ambjent online sikur u l-aċċess ġust u kompetittiv għas-suq.

L-Att dwar is-Servizzi Diġitali

Sabiex jiġi żviluppat livell għoli ta' sigurtà online rridu approċċ Ewropew. Il-Lussemburgu huwa impenjat għall-prinċipji stabbiliti mid-Direttiva dwar l-e-Kummerċ, b'mod partikolari l-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini. Dan il-prinċipju huwa essenzjali għat-tħaddim tajjeb tas-suq intern li jggarantixxi li n-negozji m'għandhomx għalfejn jadattaw biex jallinjaw ma' 27 leġislazzjoni nazzjonali differenti. Dan ikun kompitu impossibbli għan-negozji żgħar u deterrent kbir fir-rigward ta' bejgħ transfruntier. L-approċċ ġenerali propost mill-Presidenza Slovena jirrispetta dan l-approċċ u jrid jinżamm.

Fuq l-istess linji, f'termini ta' *infurzar*, il-Lussemburgu jinsisti fuq koerenza u uniformità fl-applikazzjoni tar-regoli sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali għall-partijiet ikkonċernati kollha. L-armonizzazzjoni hija essenzjali, mhux biss għar-regoli sostantivi nfushom, iżda wkoll fir-rigward tal-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tagħhom. Is-servizzi diġitali huma min-natura tagħhom transfruntieri. Ikun għalhekk kontroproduttiv jekk 27 awtorità tkun responsabbli għall-applikazzjoni simultanja tar-regoli tad-DSA f'xi każ partikolari. Il-Lussemburgu huwa kuntent li b'mod ġenerali l-pajjiż li fih huwa stabbilit l-intermedjarju jibqa' responsabbli għall-*infurzar* tar-regoli armonizzati tad-DSA, b'mod partikolari bis-saħħa ta' kooperazzjoni iktar mill-qrib mal-Istati Membri l-oħra u mal-Kummissjoni – apparti fir-rigward tal-atturi kbar ħafna.

Fil-fatt, minħabba n-natura pan-Ewropew tagħhom, il-Lussemburgu jilqa' s-setgħat esklużivi mogħtija lill-Kummissjoni Ewropea fir-rigward ta' kwistjonijiet sistemiċi transfruntieri b'rabta ma' pjattaformi online kbar ħafna (VLOPs), kif propost fit-test ta' kompromess tal-Presidenza Slovena. Din is-soluzzjoni hija konformi mal-idea ta' applikazzjoni uniformi bl-istess mod li hu l-mekkaniżmu ta' *infurzar* ibbażat fuq il-pajjiż tal-istabbiliment. Din is-sistema tirrifletti wkoll l-approċċ meħud fid-DMA fejn il-Kummissjoni għandha setgħat eżekuttivi esklużivi kontra l-gwardjani diġitali l-kbar.

Fl-aħħar nett, il-Lussemburgu jappoġġa bis-sħiħ in-natura orizzontali tad-DSA, li tapplika għat-tipi kollha ta' intermedjarji kif ukoll għat-tipi kollha ta' kontenut illeċitu, sakemm ma jkunx hemm regoli aktar speċifiċi fil-livell tal-UE. Aħna nwissu kontra t-tentazzjoni li nġhabbu wisq lid-DSA billi nippruvaw insolvu l-problemi kollha marbuta mas-servizzi diġitali peress li diġà hemm ħafna inizjattivi settorjali li qegħdin fis-seħħ jew inkella qed jiġu żviluppati¹. Id-DSA ma jeżistix f'vojt ġuridiku u bosta liġijiet Ewropej, li wħud minnhom ġew adottati reċentement, japplikaw ukoll għall-intermedjarji online. Il-Lussemburgu ser ikompli jargumenta favur li nirreżistu t-tentazzjoni li ndaħħlu kwistjonijiet minn oqsma oħra tal-politika fid-DSA sabiex inżommu r-regoli prattiċi u nimmassimizzaw il-possibbiltà li jiġi adottat malajr mill-koleġislaturi.

¹ Ir-Regolament dwar il-kontenut terroristiku online, id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Awtur, id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva, u l-proposta għal Regolament dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti – biex insemmu biss ftit.

L-Att dwar is-Swieq Digitali

Il-Lussemburgu jappoġġa b'mod sħiħ l-oġġettivi tad-DMA li għandhom l-għan li joħolqu kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni billi jipprojbixxu l-imġiba inġusta mill-pjattaformi diġitali dominanti. Il-pjattaformi zġħar u ta' daqs medju għandhom ikunu jistgħu jikkompetu mal-gwardjani l-kbar sabiex joffru s-servizzi tagħhom fuq bażi transfruntiera u biex jibbenefikaw b'mod sħiħ mis-suq intern. Il-konsumaturi Ewropej ikunu r-rebbieħa, b'għażla ta' offerti b'kondizzjonijiet aħjar.

L-approċċ ġenerali propost mill-Presidenza Slovena iżomm dawn l-oġġettivi u jirrispetta l-oġġettiv ta' armonizzazzjoni, b'mod partikolari billi jiċċara u jillimita d-diskrezzjoni tal-Istati Membri biex jilleġiżlaw fil-livell nazzjonali. Approċċ komuni Ewropew biss jista' jindirizza s-setgħat tal-gwardjani madwar is-suq uniku kollu. Il-Lussemburgu ser ikun attent ħafna biex jiżgura li dawn l-oġġettivi ma jitilfux l-effettività tagħhom, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet orizzontali li jiċċaraw li d-DMA għandu preminenza fuq il-liġi nazzjonali (ara l-Artikolu 1(5)).